**Vizjoni ghall- Marsaskala**

Marsaskala flimkien mal-bajja ta' San Tumas huwa gojjell li joffri 'l hekk maghruf bhala s-South ta' Malta. Sfortunatament dan il-gojjel gie sfruttat u uzat hazin ghal diversi snin. L-investiment fil-lokalita` ta' Marsaskala fl-ahhar snin kien prattikament inezistenti. Qeghdin f'sitwazzjoni fejn ir-residenti regolari, dawk li jinzlu jgawdu s-sajf, il-kummercjanti u anke l-ftit turisti li ghadhom imorru jinsabu fi dwejjaq kbar minhabba dan l-istat ta' abbandun.

L-eghluq tal-Jerma Palace Hotel hija xiedha ohra ta' dan. Izda jekk wiehed ihares lura jinduna li dak li gara kien ovvju u li l-awtoritajiet ma kellhom l-ebda vizjoni ghal dan il-gojjel ta' post. Forsi jkun hawn minn jghid li l-vizjoni kienet hemm imma wahda differenti filfatt dan jidher mill-irziezet tal-hut u l-impjant ta' Sant' Antnin.

Wasal iz-zmien li xi hadd jiehu azzjoni fuq dan kollu u jerga' jgib lill-Marsaskala fuq il-quccata f'termini ta:

- Ambjent
- Investiment
- Edukazzjoni
- Serenita`

**Ambjent**

Huwa facli li thott imma difficli li terga tibni. Il-konvinzjoni tieghi izda hija li fejn hemm il-volonta` u l-hegga pass pass wiehed jasal.

Jekk wiehed ihares lejn l-ambjent jista` jibda minn affarijiet semplici. Hija tal-misthija li l-Maghluq jinstab fl-istat ta' abbandun li qieghed. Ma tridx affarijiet kbar biex tohrog is-sbuhija naturali ta' dan it-tezor mondjali.. Fir-rigward tal-Maghluq hemm diversi affarijiet xi jridu jsiru biex dan ma jinqeridx totalment. Fost l-ohrajn wiehed irid jirranga t-toroq tal-madwar li qed iwasslu biex hafna hmieg jinzel fil-Maghluq. Dan jista jkun process daqxejn twil izda filfrattemp wiehed jista` jibda minn affarijiet semplici bhat-tnaddif regolari ta' dan it-tezor dinji. Hemm bzonn ukoll li wiehed jaghmel sinjali nformattivi. Il-Maghluq ghandu jkun zona ta' intratteniment edukattv u kulturali.

L-ambjent f'Marsaskala ma jieqafx hemm. Huma diversi l-azzjonijiet li ghandhom jittiehdu. Jekk wiehed ihares daqxejn lejn il-bajja ta' San Tumas tigih dieqa kbira. Kif jista' jkun post bhal dak ma jigix organizzat b'mod li jitgawda minn kulhadd. Ix-xoghol parzjali li sar ma sarx b'mod li jixraq u filfatt kontinwament ikun suggett ghal htiega ta' manutenzjoni. Bajja sabiha bhal dik ghandha tkun attraenti ghall-Maltin u l-Ghawdxin kollha u ma ghandiex bl-ebda mod tkun ta' periklu ghal hadd.

**Investiment**

L-investiment, kemm statali u kif ukoll privat huwa importantissmu f'lokalita bhal Marsaskala. L-investiment privat jghin biex il-lokalita tizviluppa u tkompli tisbih filwaqt li jiggenera x-xoghol ghan-nies tal-lokalita'. Huma diversi dawk li jgergru mieghi fuq l-izvilupp zejjed u anke forsi fuq il-hwienet gol-lokalita'. Jiena konvint li r-residenti u l-kummercjanti jistghu jghixu b'mod seren flimkien. L-importanti huwa li ndahhlu kuncetti li jrendu l-investimenti li jsiru aktar fattibli u li juru rispett lejn ir-residenti tal-lokalita.

Kultant hemm element ta' nuqqas ta' dixxiplina, izda din tista tkun gejja wkoll mid-diffikultajiet li jkun qed jiffaccja l-persuna koncernata.

Biex dan kollu jsir hemm bzonn investiment strutturali fil-lokalita ta' Marsaskala, investiment izda li jkun qed jersaq lejn vizjoni holistika tal-lokalita'. Ghaldaqstant, hemm bzonn li jinaqdu l-partijiet kollha koncernati biex wiehed jaqbel fil-vizjoni li ghandu jkollha l-komunita Skalina flimkien mal-Gvern Centrali. Huwa b'hekk biss li Marsaskala tista tizviluppa mill-gdid f'lokalita b'karatteristici unici f'pajjizna.

**Edukazzjoni**

Marsaskala hija lokalita fejn hemm hafna familji zghar. Huwa importanti li ninvestu b'mod sostanzjali fil-facilitajiet edukattivi u dawk kumplimentari maghha . Facilitajiet edukattivi ma jfissrux skola biss izda facilitajiet li joffru sfog ghall-kreattivita', ghall-energija u ghat-taghlim. Marsaskala sfortunatament kienet minsija minn dan il-lat.

Jehtieg li ninvestu mhux biss fl-edukazzjoni tat-tfal fiz-zona izda f'dik tal-genituri relativament zghar. Kulhadd ghandu fejn jizviluppa personalment u l-lokalitajiet taghna ghandhom joffru l-opportunita ghal kulhadd. Dan fih innifsu hafna drabi jghin biex wiehed isib it-trankwillita necessarja biex isahhah il-familja tieghu u biex jiftah opportunitajiet ta' xoghol godda. Nitkellmu hafna fuq il-familja imma zgur li qed niehdu mizuri fil-kuntest tal-bzonnijiet tal-familja?

**Serenita**

Jekk wiehed jindirizza is-suggetti li ddiskutejt hawn fuq fil-kuntest ta'vizjoni ghal Marsaskala, zgur li r-residenti Skalin jistghu jghixu f'ambjent seren, f'ambjent li jhares lejn l-energija tat-tfulija u z-zoghzija u li jhares mill-qrib lejn l-familja b'mod generali.

Flimkien mal-lokalitajiet tal-vicin nistghu ngibu Marsaskala l-post tal-familja Maltija.

www.ivanbuttigieg.com